MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

**MAGISTRAT DR.**
**PAUL COPPINI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2007

Avviz Numru. 67/1999/1

Francis u Mary konjuġi Attard .

vs

Cecil Paul Farrugia .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-atturi talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat minn din il-Qorti sabiex iħallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u tlieta u tletin lira (Lm333) u dan in kwantu għas-somma ta' tlett mija u tletin lira (Lm330) ħsarat u danni kkaġunati fil-vettura tiegħu (numru ta' reġistrazzjoni : LAW 741) u tlett liri (LM3) tal-iskizz u dana referibilment għal inċident awtomobilistiku li ġara fl-14 ta' Lulju 1999, f'Borg Olivier Street, Rabat, Għawdex bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LAW 741 tat-tip "Toyota Corolla" misjuqa u proprjeta' tal-atturi u vettura tat-tip "Morris Marina" (numru ta' reġistrazzjoni : JAR 759) minnek misjuqa, liema

inċident awtomobilistiku ġara unikament minħabba traskuraġni grassa, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħek u li għalih inti unikament responsabbli u dana wara li jiġi ddikjarat min dina l-Onorabbli Qorti li inti unikament responsabbli għall-inċident stradali in kwistjoni .

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali tal-ħdax (11) ta' Awissu 1999 u bl-inġunzjoni tal-istess konvenut għas-subizzjoni li għalih minn issa huwa mħarrek .

Bl-imgħaxijiet skond il-liġi .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi :

1. Illi d-domandi attriċi huma fondati fid-dritt u fil-fatt u dan għaliex l-inċident li wassal għal din il-kawża ġara unikament ħtija ta' traskuraġni, nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur .

2. Illi l-eċċipjenti l-inqas jaqbel mal-ammontanti tad-danni li qed jiġu reklamati mill-attur .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fil-jedd u fil-fatt .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din il-kawża tittratta kolliżjoni stradali li seħħet bejn karozza misjuqa mill-attur u oħra misjuqa mill-konvenut . Il-ħabta seħħet fi Triq George Borg Olivier, Victoria, Għawdex, quddiem triq li l-isem tagħha mhux indikat, fejn il-*parking area* li hemm fuq in-naħa tat-tramuntana tat-triq, għall-ħabta tal-ħdax ta’ filgħodu (11.00 a.m.)[1] . Iż-żewġ sewwieqa kienu qed isuqu l-vetturi rispettivi tagħhom fl-istess direzzjoni . Il-ħabta seħħet meta l-attur kien qed iġenneb għal fuq il-lemin tiegħu biex jidħol ġot-triq li hemm

[1] Ara okkorrenza relattiva a fol . 22 - 24 tal-process .

fuq dik in-naħa, filwaqt illi l-konvenut kien qed jaqla' lill-attur minn naħa ta' barra u fuq il-karreġġjata ta' min ikun ġej mid-direzzjoni opposta[2] . Bl-iskontru l-vettura ta' l-attur ġarrbet ħsarat fuq il-bieba ta' quddiem tal-lemin u l-*mudguard* tal-lemin ta' wara . Dik tal-konvenut kellha daqqa fuq il-*grill* u l-*mudguard* tax-xellug ta' quddiem[3] . Dawn huma l-verżjonijiet li taw is-sewwieqa lis-surgent Teddy Bajada '*a tempo vergine'*, meta dan ġie msejjaħ fuq il-post in segwitu għall-ħabta . L-attur qallu li : "… *he was proceeding along Borg Olivier Street towards the direction of the parking area at a low speed and as he needed to enter the first side street on the right side he switched on the indicator, and as he was pulling to enter in same, vehicle No. JAR 759 attempted to overtake him with the consequence dashed against each other*."

Il-konvenut spjegalu li : *"he was proceeding along Borg Olivier Street to the direction of the parking area at a low speed following car no. Law 741, and on going to overtake him, vehicle No. Law 741 without making any indication light pulled on his right side with the consequence dashed against the left side of my vehicle*." [4].

Mela hawnhekk għandna żewġ manuvri ttentati mis-sewwieqa involuti rispettivament, waħda ta' **turning to the right at a road junction** u l-oħra ta' **overtaking** . Dwar il-manuvra ittentata mill-attur, nsibu fir-regolamenti tat-traffiku kif inkorporati fil-Highway Code illi :

"85. ***Well before you turn at a junction, take full account of the position and movement of following tarffic . Signal your intention and, when safe to do so, take up the appropriate position . Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn .***

86. ***On turning at a junction look right, then left, then right* again . *Do not go on until you are sure that it is***

---

[2] ara skizz ta' l-incident a fol. 25 .
[3] Ara okkorrenza a fol. 23 u ritratt AF. 1 sa AF 6 a fol . 15 – 20 .
[4] ara okkorrenza a fol. 23 .

***safe to do so . Do not rely on signals to go ahead given by unauthorised persons***."

Dwar dik ittentata mill-konvenut insibu :

**71.** ***Never overtake unless you are sure that you can do so without danger to yourself or others . Be specially careful at dusk and in mist, when it is more difficult to judge speed and distance .***

***72. Overtake on the right . This rule does not necessarily apply in the following circumstances : -***

***(i) when the driver in front has signalled his intention to turn right and you can safely overtake him on his left without inconveniencing other traffic,or when you are filtering to the left at a junction ;***

***(ii) in slow-moving congested traffic when vehicles in thelane on your right are moving more slowly than you are .***

***73. Before overtaking, give the appropriate signal, keep at a safe but not excessive distance from the vehicle being overtaken and return to the appropraite lane or side of the road as soon as practicable after overtaking . Do not cut sharply in front of the vehicle you have just overtaken."***

***74. Do not overtake at or when approaching :***
***(i) a pedestrian crossing ;***
***(ii) a road junction ;***
***(iii) a sharp corner or bend ;***
***(iv) the brow of a hill ;***
***(v) a hidden dip."***

Mill-iskizz redatt mis-surġent Bajada naraw illi :

1. iż-żewġ vetturi kienu qabżu is-*centre strip* u spiċċaw fuq il-karreġġjata ta' min ikun ġej mid-

direzzjoni opposta, u quddiem is-*side street* li hemm fuq in-naħa tal-lemin ;

2. ma hemm l-ebda *brake marks* indikati u lanqas *spot of impact* .

Fid-depożizzjoni tiegħu l-attur qal li huwa ha l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jagħmel il-manuvra tiegħu . Għalhekk naqqas mill-veloċita', ħares ġol-mera tan-nofs u tal-ġemb u ma ra l-ħadd ġej minn warajh, u anke xegħel l-*indicators*[5] *.* Dwar dan ġie korroborat mix-xhud okulari Francis Cini, li kien fuq il-post ta' l-inċident u nnota l-*indicators* tal-vettura ta' l-attur mixgħula[6] . Ma hemm xejn għalhekk x'tiċċensura fis-sewqan ta' l-attur .

Il-konvenut da parti tiegħu sostna illi l-attur ma kien xegħel l-ebda *indicators* u jekk kien għamel hekk ma setax jarahom, għax huwa kien ġia wasal ma' ġemb il-vettura ta' l-attur, x'hin dan iddeċieda li jdawwar għal fuq il-lemin tat-triq[7] .

Jidher għalhekk illi għal din il-kolliżżjoni jaħti unikament il-konvenut, għax minkejja li kellu pre-avviż mis-sewwieq tal-vettura ta' quddiemu, jew ma ndunax inkella injorah għal kollox u għażel li jkompli bil-manuvra tiegħu ta' sorpass, u quddiem *road junction* meta kif rajna, dan mhux konsentit mir-regolamenti tat-traffiku .

Id-danni reklamati mill-atturi huma dawk li sofrew b'konsegwenza diretta ta' din il-kollizzjoni . Skond is-*surveyor's report* ta' Tarcisio Mercieca, nkarigat mill-*panel beater* ta' l-attur, l-ispejjeż tat-tiswija kienu jlaħħqu mija u tmenin lira maltija (Lm180)[8] . Imbagħad kien hemm mija seba' u tletin lira maltija u tmienja u disgħin ċenteżmi (Lm137.98) għall-*parts* meħtiega,[9] u tliet liri maltin (Lm3)[10] għall-kopja ta' l-iskizz u okkorrenza relattiva tal-Pulizija, total ta' : tliet mija u għoxrin lira maltija u tmienja u disgħin

[5] ara depożizzjoni tiegħu a fol .6 - 13 .
[6] ara depożizzjoni tiegħu a fol. 67 – 69 .
[7] ara depożizzjoni tiegħu a fol. 75 – 85 .
[8] ara Dok . AF 7 a fol. 21 .
[9] ara Dokti. AF.1, 2 u 3 a fol. 56 - 57 .
[10] ara Dok. AF 8 a fol 21 tergo .

ċenteżmu (Lm320.98) . Fil-fatt dawn huma mat-tnax-il lira anqas minn dak reklamat mill-atturi . Kunsiderat l-entita' tad-danni kkaġunati, ma jidhirx illi dawn il-kontijiet huma esaġerati u għalhekk għandhom ikunu ripettibbli .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi u :

1. tiddikjara lill-konvenut unikament resposabbli għall-kolliżżjoni mertu ta' din il-kawża ; u

2. tikkundannah iħallas lill-atturi s-somma ta' tliet mija u għoxrin lira maltija u tmienja u disgħin ċenteżmu (Lm320.98) rappreżentanti d-danni kkaġunati fil-karozza tiegħu, konsegwenza ta' din il-kollizzjoni .

Bl-ispejjeż u bl-interessi legali fuq din is-somma mid-data tal-preżentata ta' dan l-Avviż sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------